MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tas-27 ta' Frar, 2009

Appell Kriminali Numru. 241/2008

**Il-Pulizija**
**(Supt. A. Mamo)**
**Vs**
**Emanuele Chircop**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja talli f'dawn il-Gzejjer f'dawn l-ahhar snin, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda approprja ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, mis-somma ta' aktar minn LM1,000, liema somma kienet tappartjeni lil Continental Postform Ltd u persuni ohra li kienet giet fdata jew ikkunsinnata lilu minhabba kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu bhala impjegat ta' l-imsemmija socjeta', taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnhom specifikat bi ksur ta' l-artikolu 293 u 294 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-14 ta’ Lulju, 2008, li biha, ma sabitx lill-appellat hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu w ghalhekk illiberatu minn tali akkuza.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnu pprezentat fit-30 ta’ Lulju, 2008, li bih talab li din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza w minflok issib lill-appellat hati ta’ l-akkuzi kif dedotti kontra tieghu w tinfliggi l-piena skond il-ligi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant Avukat Generali, fil-qosor, huma s-segwenti w cioe' :- li l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat u irragjonevoli tal-provi li tressqu quddiemha ghax ir-reat ta' approprjazzjoni indebita gie pruvat mill-prosekuzzjoni sal-grad tal-konvinciment morali skond il-Ligi. Emanuele Chircop, direttur ta' Continental Postform Limited ma wettaqx id-dmirijiet tieghu ta' direttur u kien il-persuna li kiser il-ligi billi kkommeta approprjazzjoni indebita. Ic-cheque li Joseph Sammut kien ta lill-appellat biex jiffirmah u li kien iffirmat mid-direttur l-iehor tas-socjeta', Charles Busuttil, ma kienx tieghu imma tal-kumpanija li f' isimha kien mahrug. Izda hu zammu ghalih minnflok ma rega' tah lil Sammut halli jpoggieh fil-kont tal-kumpanija. Minnflok zammu ghalih u iddepozitah f' kont personali tieghu li umbaghad minnu zbanka l-parti l-kbira tal-flus u b' hekk gie li approprja ruhu minnhom. L-appellat ma setax jippretendi li jpaci xi dejn li kellu. Apparti dan, it-tpacija allegata mill-appellant hija kemmxejn konfuza w dubbjuza w ma tirrizultax, mqar sal-grad tal-probabbli, li d-Direttur l-iehor Charles Busuttil u/jew l-organi tal-kumpanija taw il-kunsens taghhom biex l-appellat izomm dan ic-cheque u jsarrfu f' kont personali tieghu bl-intiza tal-allegata tpacija tad-djun, kif ghamel.

Rat ir-Risposta tal-appellat tad-29 ta' Settembru, 2008, li biha issottometta li l-fl-ewwel lok kellu jigi verifikat jekk gewx osservati t-termini imposti fuq l-Avukat Generali sabiex ikun jista' jintavola dan l-appell, altrimenti l-appell ghandu jigi dikjarat null u irritwali u, fi kwalunkwe kaz, is-sentenza appellata hija gusta w timmerita li tigi konfermata.

Semghet it-trattazzjoni tal-Avukat Prosekutur u dan ghaliex fl-ewwel udjenza ma deherx l-appellat ghax kien imsiefer u fiz-zewg udjenzi sussegwenti l-Avukat Toni Abela ghal darbtejn ma deherx, l-ewwel darba ghax kien imsiefer.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-15 ta' Jannar, 2009, li bih iddifferiet il-kawza ghas-sentenza ghat-12 ta' Marzu, 2009, bil-fakolta' li l-appellat ikun jista' jipprezenta nota ta' sottomissjonijiet jekk ikun irid sal-ahhar ta' Jannar, 2009.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-appellat tas-27 ta' Jannar, 2009;

Rat l-ordni taghha biex il-kawza tigi rikjamata ghall-udjenza tal-lum ghas-sentenza;

Ikkonsidrat;

Illi fir-rigward ta' jekk it-terminu ghall-prezentata tar-rikors tal-appell giex osservat, jinghid is-segwenti. Is-sentenza appellata ggib id-data tal-14 ta Lulju, 2008. Fis-17 ta' Lulju, 2008, il-Kummissarju tal-Pulizija pprezenta Nota fejn iddikjra li kien bi hsiebu jappella mis-sentenza. Dan certament sar entro t-terminu ta' erbat ijiem tax-xoghol preskritt fl-artikolu 414 (1) tal-Kodici Kriminali. Umbaghad ir-Registratur tal-Qrati kellu terminu ta' tlitt ijiem tax-xoghol minn dak in-nhar biex jibghat is-sentenza u l-atti tal-kawza max-xiehda lill-Avukat Generali. F' dan il-kaz dan it-terminu kien jiskadi fit-22 ta' Lulju, 2008. Ir-rikors tal-appell gie intavolat fit-30 ta' Lulju, 2008 u cioe' sew entro t-terminu preskritt fl-artikolu 417 (1) tal-istess Kodici. Ghalhekk ma jirrizulta li sar xejn irregolari jew "*fuori termine*".

Ikkonsidrat;

Illi l-aggravju hu akkampat fuq dak li l-Avukat Generali isejjah "*apprezament zbaljat u irragjonevli tal-provi*" da parti tal-Ewwel Qorti. Issa hu principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-kaz ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta' appelli minn verdetti w sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienetx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha. Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni w konkluzzjoni (ara f'dan is-sens "*inter alia"* l-Appell Kriminali : **"Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et**." [12.5.94]; "**ir-Repubblika ta' Malta vs. George Azzopardi** " [14.2.1989]; **"Il-Pulizija vs. Carmel sive Chalmer Pace**" [31.5.1991] ; **"Il-Pulizija vs. Anthony Zammit"** [31.5.1991] u ohrajn .

"Illi appropozitu, din il-Qorti tirriferi ghal dak li nghad minn **LORD CHIEF JUSTICE WIDGERY** fil-kawza **"R. v. Cooper**" ([1969] 1 QB 276) (in konnessjoni mal-artikolu tal-ligi Ingliza s. 2 (1) (a) tal-Criminal Appeal Act, 1968) :-

*"assuming that there was no specific error in the conduct of the trial , an appeal court will be very reluctant to interfere with the jury's verdict (in this case with the conclusions of the learned Magistrate) , because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witnesses , whereas the appeal court normally determines the appeal on the basis of papers alone . However, should the overall feel of the case – including the apparent weakness of the prosecution evidence as revealed from*

*the transcript of the proceedings – leave the court with a lurking doubt as to whether an injustice may have been done,  then , very exceptionally, a conviction will be quashed.”* (Ara wkoll **BLACKSTONE’S CRIMINAL PRACTICE** (1991) , p. 1392)

Illi fl-appell kriminali fil-kawza fl-ismijiet : **“Ir-Republika ta’ Malta vs. Ivan Gatt”,** deciza fl-1 ta’ Dicembru, 1994 inghad illi :-

*“Fi kliem iehor , l-ezercizzju ta’ din il-Qorti fil-kaz prezenti u f’kull kaz iehor fejn l-appell ikun bazat fuq apprezzament tal-provi , huwa li tezamina l-provi dedotti f’ dan il-kaz , tara jekk , anki jekk kien hemm versjonijiet kontradittorji – kif normalment ikun hemm – xi wahda minnhom setghetx liberament u serenament tigi emmnuta minghajr ma jigi vjolat il-principju li d-dubju ghandu jmur favur l-akkuzat , u jekk tali versjoni setghet tigi emmnuta w evidentement giet emmnuta ……, il-funzjoni , anzi d-dover ta’ din il-Qorti huwa li tirrispetta dik id-diskrezzjoni u dak l-apprezzament “.*

Illi gie dejjem ritenut li dan il-principju ghandu japplika ugwalment ukoll meta l-appell ikun qed isir mill-parti offiza jew mill-Avukat Generali.

Illi din il-Qorti ghamlet ezami approfondit tal-provi biex tara jekk l-Ewwel Qorti setghetx legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoini ta’ nuqqas ta' htija dwar l-imputazzjoni dedotta kontra l-appellat.

Ikkonsidrat;

Illi mill-ezami tal-provi jirrizulta li l-appellat u Charles Busuttil kellhom socjeta' kummercjali bejnithom li kien jisimha Continental Postform Ltd. li taghha huma t-tnejn kienu l-unici azzjonisti w diretturi. Ma din is-socjeta' kien impjegat bhala accountant u skrivan "*fac totum*" Joseph Sammut. Il-prassi kienet li meta l-kumpanija tircevi hlas b' cheques bhala hlas ghas-servizzi li l-kumpanija kienet taghti lill-klienti taghha, dawn normalment kienu jigu depozitati fil-kont bankarju tas-socjeta' mill-istess

Sammut. Pero' kien ikun hemm okkazzjonijiet fejn ic-cheque jigi imsarraf u ma jigix depozitat. Biex dan isir kienet tkun mehtiega l-firma taz-zewg azzjonisti/diretturi li kienu jendorsjaw ic-cheque relattiv. Ir-rikavat fi flus kontanti kien umbaghad jinqasam bejn iz-zewg diretturi.

Jirrizulta li kien hemm zmien meta inqala l-inkwiet bejn iz-zewg azzjonisti/diretturi tant li ma kienux qed ikellmu lil xulxin. Biz-zmien is-sitwazzjoni bdiet tmur ghall-aghar u l-kumpanija bdiet tnaqqas mix-xoghol. L-appellat kien eventwalment anki pproceda kontra Charles Busuttil fil-Qorti Civili. Kien f' dan l-istadju li Charles Busuttil agixxa kriminalment kontra l-appellat ghall-allegata approprjazzjoni indebita ta' cheque xi snin qabel. Dan hu l-mertu tal-kawza odjerna.

Irrizulta li c-cheque in meritu kien wiehed mahrug fuq il-Mid-Med Bank Limited fil-21 t' April, 1995, minn Elmo Insurance Services Limited fis-somma ta' LM1069.09c u li dan kien hlas imhallas mis-socjeta' assikuratrici lis-socjeta' tal-appellat u Busuttil bhala indenniz ghal xi hlas li is-socjeta' kienet ghamlet lil wiehed mill-impjegati taghha li kien korra, kemm dam ma jidholx ghax-xoghol. Dan ic-cheque li l-original tieghu jinsab esebit fl-involukru a fol. 50 tal-process, jirrizulta li ssarraf fit-28 ta' Frar, 1995 skond it-timbru tal-bank fuq il-wicc tieghu. Fuq il-wara tieghu igib il-firma kemm tal-appellat kif ukoll ta' Charles Busuttil kif ukoll it-timbru tas-socjeta' kummercjali Continental Postform Limited, kif ukoll it-timbru tal-Bank li jindika l-*branch* ta' Saqqaja Square, Rabat u d-data fejn u meta ssarraf.

Irrizulta mid-depozizzjonijiet li ta x-xhud Joseph Sammut li hu kien l-ewwel ta c-cheque lil Busuttil biex jiffirmah umbaghad tah lill-appellat biex jiffirmah u dan tal-ahhar, wara li kien iffirmah, avvza lil Sammut li kien ser izomm ic-cheque hu w fil-fatt hekk ghamel. Dan umbaghad issarraf fil-*branch* tal-Mid-Med tar-Rabat kif fuq intqal. Ma rrizultax li dan ic-cheque kien iddahhal fil-kotba tal-kumpanija. Izda din ma kienetx tkun l-unika okkazzjoni fejn dan kien isir, anki ghal ragunijiet ta' taxxa fuq id-dhul, ossia x'aktarx l-evazjoni taghha.

Illi dwar il-fatti minn hawn il quddiem pero' hemm certa divergenza x' gara ezatt meta l-appellat ha dan ic-cheque u zammu w wara sarrfu. Fil-waqt li Busuttil u Sammut fl-ewwel depozizzjonijiet taghhom kienu taw l-impressjoni li dan kien agir unilaterali w *"high handed"* tal-appellat li sar minghajr il-kunsens tad-direttur l-iehor Busuttil u fil-waqt li fl-istqarrija tieghu mall-Ispettur Alexandra Farrugia Mamo (fols.18 u 19 tal-process) l-appellat iddikjara li ma kienx jaf b' dan ic-cheque, ghalkem gharaf il-firma tieghu fuq il-wara tieghu, dawn il-versjonijiet inbidlu fil-kors tas-snin li ma tulhom damet tkarkar din il-kawza inutilment quddiem l-Ewwel Qorti.

Hawn din il-Qorti thoss li ghandha tiftah parentesi ghax ma tistax ma tikkummentax avversament ghall-mod dizordinat, bla programm u bla ebda farka ta' speditezza li bih tmexxiet il-kawza li bdiet fid-29 ta' Jannar, 1999 (u cioe' kwazi erba snin wara li ssarraf ic-cheque in kwistjoni) u hadet disa snin u nofs sakemm inqatghet mill-Ewwel Qorti, meta kull ma kien hemm kienu nofs tuzzana xhieda. Minkejja li l-Avukat Generali kien baghat in-Nota ta' Rinviju ghal gudizzju bl-artikoli li tahthom skondu setghet tinstab htija fl-24 ta' Gunju, 1999, l-Ewwel Qorti (preseduta minn zewg Magistrati successivi ghax l-ewwel wiehed lahaq irtira qabel ma ta s-sentenza) hadet sal-14 ta' Lulju, 2008 biex tat is-sentenza. Dan kien dovut ghall-differimenti inutili kemm tort tal-appellat u d-difensur tieghu, gieli tort tal-ufficjal prosekutur u gieli anki ghal ragunijiet attribwibbli ghall-istess Qorti. Kontro-ezamijiet tal-istess xhieda tal-prosekuzzjoni regghu gew ripetuti aktar minn darba, bi snin ta' intervall bejn wiehed u l-iehor. Insomma kollox sar bil-mod li bih ma ghandhomx jigu kondotti il-proceduri penali.

Minkejja dak li kien qal fl-istqarrija tieghu lill-Pulizija (Dok AFM 1 a fol. 18 u a tergo tal-process), meta xehed quddiem l-Ewwel Qorti (fol. 129 et seq.), l-appellat spjega li hu kellu jiehu tlitt elef lira Maltin cioe' sehmu minn LM6000 li kemm hu kif ukoll Busuttil kienu hargu ghal konkos ghax ma kienx hemm flus fil-kumpanija. Busuttil kien ha sehmu lura qabel u hu kien ha dac-cheque bil-

kunsens ta' Busuttil li kien iffirmah fuq wara w, meta hadu, kien baqalu jiehu LM1931 li hu d-differenza bejn it-tlitt elef li kellu jiehu w ic-cheque ta' LM1069 li kien ha hu w sarraf, kif jidher mid-dokument A a fol. 126 li kien ghadu kif esebixxa. Spjega li l-inizjali E. C. fuq dan id-dokument kienu jfissru Emanuel Chircop.

Irrizulta li dan id-dokument kien inkiteb mill-istess Charles Busuttil kif jammetti hu stess a fol. 144 u li dik il-kitba ta' cifri saret ghax skond Busuttil : ***"Nahseb qsamna xi flus."*** Issa fuq dan id-dokument hemm tlitt cifri taht xulxin u t-total taghhom jekk jinghaddu flimkien. L-ewwel cifra kienet is-somma ta' LM1931 u ma gemba hemm l-inizjali E. C. u l-kliem *"to break even"*. Magemb iz-zewg cifri l-ohra ta' LM3084.50c hemm l-inizjali E. C. quddiem wahda u C.B. quddiem l-ohra. Evidentement ladarba E.C. huma l-inizjali tal-appellat, C.B. huma l-inizjali ta' Charles Busuttil. L-appellat spjega ukoll li z-zewg cifri ta' LM3084.50c kienu jirraprezentaw nofs l-ammont ta' cheque iehor ta' LM8100 li qasmuh wara li hu ha l-LM1931 li kien fadallu jiehu kif fuq spjegat. Qal li fl-erba snin u nofs li kienu ghaddew Busuttil qatt ma kien ilmenta dwar ic-cheque in kwistjoni ghax kien jaf. Hu kien ghamel diversi kawzi kontra Busuttil ghal flus nieqsa li kienu nstabu fil-kontijiet tal-kumpanija qabel ma tiehdu il-proceduri kriminali odjerni kontra tieghu. Isostni li c-cheque in kwistjoni kien gabulu Sammut, hu iffirmah, qal lil Sammut li ser izommu w mbaghad baghat lil Sammut igib il-firma ta' Busuttil u dan tal-ahhar iffirmah. Spjega ghala fl-istqarrija tieghu kien qal li ma jafx bic-cheque u dan ghax l-Ispettur kienet qaltlu li kien "seraq" cheque u hu ma kien seraq xejn. Wara l-istqarrija, kien ghamel il-verifiki mal-assikurazzjoni li emettiet ic-cheque u ftakar x' kienu ic-cirkostanzi li kien qed jiddeponi fuqhom. Id-dokument a fol. 126 minnu esebit juri bic-car li x' hin tghodd l-ammonti flimkien jigu t-tlitt elef lira li kellu jiehu. Dan inkiteb minn Busuttil stess u ghandu ukoll il-firma tas-Sur Sammut.

Joseph Sammut, meta rega' xehed in kontro-ezami a fol. 106, qal li meta l-appellat kien qallu li kien ser izomm ic-cheque, hu kien avvza lil Busuttil dak in-nhar stess u dan

kien qallu **: *"Jekk jiehu dak, jien irrid daqsu.*"** Meta umbaghad Charles Busuttil, mill-gdid in kontro-ezami, a fol. 100, gie mistoqsi jekk l-iskrivan Sammut kienx mar fuqu biex jiffirma c-cheque u qallu li dawk il-flus tac-cheque ha jmorru ghand l-appellat, l-ewwel beda biex qal : "***Ma niftakarx, m'hinix nghidlek mhux minnu."*** Umbaghad, meta gie mistoqsi jekk jeskludix li Sammut kien qallu dan, Busuttil wiegeb : ***"Le, jien ma niftakarx. La ma niftakarx ma qallix, ejja nghidu li ma qallix."***

Illi meta ix-xhud ewlieni tal-prosekuzzjoni Sammut jghid li kien qal lil Busuttil dak in-nhar stess u meta Busuttil, fir-rigward ta' din ic-cirkostanza, jixhed bil-mod kif xehed u kif appena riprodott testwalment, wiehed jifhem ghaliex l-Ewwel Qorti hasset li kien hemm certu dubju jekk Busuttil kienx *a tempo vergine* jaf li c-cheque kien ser izommu l-appellat. Jekk kien hekk, kif jidher - almenu fuq bazi ta' probabbilta' - li seta' kien, hu inspjegabbli ghala Busuttil stembah biss tlitt snin u nofs wara meta mar jiddenunzja l-approprjazzjoni indebita tal-istess cheque da parti tal-appellat. Mhux eskluz dak li jissottometti l-appellat fin-nota tal-osservazzjonijiet tieghu li dan sar biss bhala tpattija ghax l-appellat kien qed ifittxu civilment.

Ikkonsidrat;

Illi kif jghid il-**MAINO** (Commento al Codice Penale Italiano (1922), Vol. IV. para. 1951 , pag. 105):-

*"…a costituire il delitto di appropriazione indebita e' necessario il-dolo. Trattandosi di delitto contro la proprieta', a scopo d' indebito profitto per se' o per un terzo, il-dolo sara' costituito dalla volontarieta' della conversione con scienza della sua illegittimita', e dal fine di lucro: onde colui che si appropria o rifiuta di consegnare, nella ragionevole opinione d' un diritto proprio da far valere, non commette reato per difetto di elemento intenzionale. Per la stess ragione, e per difetto inoltre di elemento obiettivo, non incorrera' in reato chi nel disporrere della cosa altrui abbia avuto il consenso del proprietario o ragionevole opinione del consenso medesimo …Il dolo speciale nel reato di appropriazione*

*indebita e' (come nel furto e nella truffa) l' animo di lucro, che deve distinguere appunto il fatto delittuoso, il fatto penale, dal semplice fatto illegittimo, dalla violazione del contratto, dell' inadempimento della obbligazione : osservazione questa non inopportuna di fronte alle esagerazioni della giurisprudenza ed ai deviamenti della pratica giudiziale, che diedero spesse volte l' espempio di contestazioni di indole civile trasportate affatto impropriamente in sede penale. Rettamente pertanto fu giudicato non commettere appropriazione indebita (e neppure il delitto di ragion fattasi, per mancanza di violenza) il creditore che trattiene un oggetto di spettanza del suo debitore a garanzia del credito; l' operaio che avendo ricevuto materia prima da lavorare, si rifiuta, perche' non pagato dal committente, di proseguire nel lavoro e di rendere la materia ricevuta; l' incaricato di esigere l' importo di titoli, che non avendo potuto compiere tale esazione, trattiene I titoli a garanzia del dovutogli per le pratiche inutilmente fatte allo scopo di esigere. In generale la giurisprudenza e' costante nel richiedere come elemento costitutivo imprescindibile il dolo."*

Ikkonsidrat;

Illi ladarba il-versjoni tal-appellat tista' tigi accettata sal-grad tal-probabbli w dan hu bizzejjed fil-kaz tal-akkuzat li jrid jipprova xi cirkostanza, l-Ewwel Qorti kellha kull dritt li legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha.

Illi hu minnu kif jghid l-appellant fir-rikors tal-appell li proprjament il-flus tac-cheque kienu jappartjenu lis-socjeta' kummercjali w mhux lill-appellat u lill-ko-direttur u ko-azzjonista l-iehor Busuttil, pero' wiehed irid izomm ukoll quddiem ghajnejh li f' dawn it-tipi ta' socjetajiet kummercjali zghar hafna affarijiet isiru b' mod informali w jekk iz-zewg diretturi li huma l-unici firmatarji tas-socjeta' jiffirmaw dokument, cheque , eccetera tal-kumpanija, ikun prezunt li qed jiffirmaw ghall-istess kumpanija. F' dan il-kaz ma hemmx dubju li c-cheque gie endorsed miz-zewg firmatarji tas-socjeta' u li allura seta' jissarraf mill-possessur tac-cheque kif sar. U ladarba skond Sammut -

l-uniku xhud indipendenti - hu kien minnufieh informa lil Busuttil li c-cheque kien ser izommu l-appellat u Busuttil ma ghamel ebda rejazzjoni hlief li qal biss : ***"Jekk jiehu dak, jien irrid daqsu."*** jigi li Busuttil mhux biss kien jaf li l-appellat ser jiehu c-cheque, imma li kien qed implicitament jaghti l-kunsens tieghu ghal dan bid-diskors li qal.

Ghalhekk f' dan l-istat tal-provi, din il-Qorti ma tarax li ghandha tiddisturba l-apprezzament tal-provi li ghamlet l-Ewwel Qorti.

Konsegwentement l-appell qed jigi michud u s-sentenza appellata qed tigi konfermata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------